

Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) 2014-2020 – proposta għal Regolament

Taqsis għall-pubbliku

X'INH I L-KWISTJONI?

- Illum, fl-UE, kważi 23 miljun persuna jinsabu bla xogħol u hu stimat li 113-il miljun qed jgħixu f'kundizzjonijiet ta' faqar, b'riskju li jitwarrbu mis-soċjetà. Il-kwistjonijiet soċjali u tal-impjeg huma inkwetanti għall-Ewropej.
- Biex in-nies jerġgħu jsibu xogħol u joħorġu mill-faqar, l-Ewropa teħtieġ tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet, il-mobilità baxxa tal-ħaddiema, is-sistemi tal-edukazzjoni li ma jagħtux ir-riżultati mistennija u l-politiki tas-suq tax-xogħol.
- Għandha twassal tveġiba iktar effettiva għall-kriżi finanzjarja u ekonomika, ix-xejriet tad-demografija u l-migrazzjoni, u tibqa' aġġornata mat-tibdil fit-teknoloġija – il-koll sfidi sinifikanti għall-koeżjoni soċjali u l-kompetittività.
- **Ir-Regolament propost se jippermetti lill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) biex ikompli jtejjeb l-opportunitajiet għall-impjeg, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-għieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar fl-2014-2020.**

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

- Il-persuni bla xogħol – speċjalment iż-żgħażaġħ u dawk li ilhom bla xogħol għal żmien twil – in-nisa li jerġgħu lura fis-suq tax-xogħol u l-gruppi żvantaġġati se jkollhom iktar opportunitajiet ta' taħriġ, pariri u għajnuna individwali. Dan għandhom igawdu minnu miljuni ta' persuni, peress li madwar 10 miljun ruħ fis-sena jipparteċipaw fil-miżuri tal-FSE fl-Ewropa.
- In-negozji, l-organizzazzjonijiet bla skop ta' profitt u l-awtoritajiet pubbliċi se jirċievu l-appoġġ biex jadattaw għall-bidla teknoloġika, jadattaw ekonomija b'livell baxx tal-karbonju, jadattaw għall-kompetizzjoni dinjija u jimplimentaw ir-riformi meħtieġa.
- Il-fondi se jgħaddu mill-entitajiet nazzjonali jew reġjonali li għandhom il-kompitu li jimplimentaw il-FSE.

GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?

- L-UE għandha l-mandat li tnaqqas id-differenzi reġjonali l-kbar madwar l-UE f'termini ta' livelli ta' żvilupp (PGD per capita), il-produttività, l-impjeg, l-edukazzjoni u l-faqar, u li tilħaq [l-għanijiet ambizzjużi ta' Ewropa 2020](#).

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

Jekk jiġi adottat, ir-Regolament propost jimplika:

- iktar enfasi fuq għadd limitat ta' għanijiet skont l-istrateġija Ewropa 2020 – biex jiżdied l-impatt tal-fondi.
- il-pajjiżi tal-UE se jkollhom jiżguraw li mill-fondi kollha tal-politika ta' koeżjoni tal-UE li jirċievu, perċentwal minimu jrid jiġi mill-FSE. Dan għandu jgħin biex tingħata attenzjoni lill-promozzjoni tal-impjeg, l-edukazzjoni u t-taħriġ u t-tnaqqis tal-faqar.

- enfasi ikbar fuq il-ġlieda kontra l-qgħad taż-żgħażaġh u appoġġ lill-gruppi l-iktar żvantaġġati, bħall-migranti jew il-komunitajiet marġinalizzati – b'tal-anqas 20% tal-fondi tal-FSE iddedikati għall-appoġġ ta' miżuri għall-inklużjoni soċjali.
- iktar involviment tal-imsieħba soċjali u l-NGOs fl-implimentazzjoni tal-FSE – speċjalment fir-reġjuni inqas żviluppati.
- appoġġ għal miżuri speċifiċi għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.
- rwol iktar attiv għall-Kummissjoni fil-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi u l-promozzjoni tal-innovazzjoni soċjali.
- FSE inqas kumpless, b'attenzjoni speċjali fuq is-simplifikazzjoni għall-benefiċjarji ż-żgħar.
- strateġij ibbażata iktar fuq ir-riżultati biex jitmexxew programmi operattivi permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni konġunta.

META MISTENNIJA TIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-PROPOSTA?

- Il-proposta mill-Kummissjoni issa se tiġi diskussa u nnegozjata fil-Parlament Ewropew u fil-gvernijiet tal-UE. Għandha tidhul fis-seħħ fl-2013.

Data for search engines	
Title tag	Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) 2014-2020 – proposta għal Regolament – taqsira għall-pubbliku
Description	Parti mill-pakkett ta' politika ta' koeżjoni 2014-2020
Link name	Taqsira – Proposta ta' Fond Soċjali Ewropew 2014-2020
Keywords for url/filename	UE + Koeżjoni + Politika + Soċjali + Fond + Impjieg + FSE + Regolament